MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 31 ta' Jannar 2021 **Ref:** DLAP 029/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Medji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Sfidi Kalċistiċi ta' 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja'

---

Fit-tieni u t-tielet term tas-sena skolastika 2020-21, il-Promoturi tal-Qari permezz tal-Isport tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se jkomplu jagħmlu l-isfidi kalċistiċi wara l-ħin tal-iskola u fil-vaganzi tal-iskola.

Għal dan il-għan, l-Aġenzija qiegħda tilqa' talbiet mingħand ġenituri/kustodji ta' tfal, li twieldu fis-snin 2008, 2009, 2010, 2011, 2012 u 2013 li wliedhom jixtiequ jipparteċipaw f'din l-attività. Ftit jiem wara li japplikaw, il-ġenituri/kustodji jingħataw data, ħin (wara nofsinhar) u post biex uliedhom jagħmlu l-isfida.

Kull min jipparteċipa jingħata ktieb, ċertifikat iffirmat minn ex plejers tat-tim nazzjonali Malti u tifkiriet tal-okkażjoni. Dawk it-tfal li jirnexxilhom jegħlbu l-isfidi jingħataw żewġ kotba u ballun iffirmat mill-istess promoturi. L-Aġenzija, fit-twettiq ta' din l-attività, timxi mal-istruzzjonijiet ta' saħħa u sigurtà mogħtija mis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika.

Il-ġenituri/kustodji ta' tfal li huma interessati jistgħu japplikaw billi jimlew il-formola mehmuża u jibagħtuha lil **nla@ilearn.edu.mt**. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux iktar tard minn nhar il-**Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2021**.

Min ikun jixtieq iktar tagħrif fuq din l-inizjattiva, jista' jżur il-paġna ta' Facebook 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja / *Footballers Read and Write Programme'* jew iċempel 2598 3324.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

Kamra 309/310, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 | t: + 356 2598 2425/6/7 | e: dlap@gov.mt / sandra.ebejer@ilearn.edu.mt | w: www.education.gov.mt